# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

## IMHALLEF

## ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar, 2001

**Numru**

**Avviz Nru. 1616/99 MF**

**Joseph Galea**

**vs**

**Sandra Vassallo**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimata Sandra Vassallo minn sentenza moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fid-9 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi li kienet tghid hekk:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm167.00,

rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' bejgh u konsenja ta' merkanzija, ghal liema ammont il-konvenuta baqghet inadempjenti wara zewg ittri interpellatorji tas-6 ta' Marzu, 1999, u tas-27 ta' Gunju, 1999;

Bl-ispejjez u bl-imghax inklui z-zewg ittri nterpellatorji u l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret;

Semgha x-xhieda ta' Joseph Galea li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija (LM167.00) bl-imghax legali mis-27 ta' Ottubru, 1999;

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tas-6 ta' Marzu, 1999, u tas-27 ta' Gunju, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi".

**<u>L-Appell ta' l-intimata</u>**

2. L-intimata appellat minn din is-sentenza fuq l-aggravju segwenti:-

(a) L-intimata appellanti ma nghatatx l-opportuntia' li tressaq id-difiza taghha f'dan il-kaz u ghalhekk it-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi;

(b) Illi ghalkemm l-appellanti ssollevat l-eccezzjoni illi l-azzjoni ta' l-attur kienet preskritta t-Tribunal xorta mexa biex semgha x-xhieda kollha ta' l-attur minghajr ma semgha x-xhieda ta' l-esponenti fuq dan il-punt;

(c) Illi l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta ai termini tal-ligi u t-Tribunal ma setghax jiddeciedi t-talba minghajr ma jezamina l-punt ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni.

Ghaldaqstant l-appellanti talbet li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza deciza mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tas-6 ta' Marzu, 2000, u taghti l-opportunita' lill-konvenuta topponi t-talba ta' l-attur.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

3. L-appellanti tillanja mill-fatt li hija ma nghatatx opportunita' li ressaq id-difiza taghha; illi dwar ix-xhieda taghha dar l-eccepita preskrizzjoni sollevata minnha ma ttehditx il-verzjoni taghha, u fit-tielet lok, li l-punt tal-preskrizzjoni lanqas biss gie ezaminat mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

4. Il-Qorti tibda biex tirrileva li hawn si tratta ta' procedura sommarja bi kriterji kemmxejn differenti minn dawk previsti mil-ligi u adoperati fil-Qrati ordinarji. Cergtament mhux biss hemm l-element ta' ekwita' fl-Att V ta' l-1995, imma hemm manifest ukoll il-hsieb tal-legislatur li f'kazijiet b'talbiet zghar quddiem tribunal specjali, mahluq ad hoc, li dan l-istess

Tribunal jimxi bi speditezza, bl-anqas formalizmu possibbli – minghajr, naturalment, ma jikser dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li holqitu.

5. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel dehra tal-kawza inzammet fis-26 ta' Novembru, 1999, u dakinhar il-kawza thalliet ghall-provi ghas-17 ta' Jannar, 2000. Dakinhar deher l-avukat tal-konvenuta u flimkien ma' l-appellat assistit gie ddikjarat li l-partijiet kienu ser jippruvaw jittransigu l-kawza. Il-kawza thalliet ghall-14 ta' Frar, 2000. Ma jidhirx li transazzjoni giet milhuqa dakinhar u fil-fatt xehed l-attur. Dakinhar ukoll (ara verbal) il-kawza giet differita ghas-6 ta' Marzu, 2000, ghall-provi tal-konvenuta. Jirrizulta pero' li f'din is-seduta l-imsemmija konvenuta ma dehritx – u dan in-nuqqas gie espressament rilevat mit-Tribunal (ara verbal datat is-6 ta' Marzu, 2000) u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta' Marzu, 2000. Ma saret l-ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazjoni tas-sentenza u t-Tribunal iddecieda l-kawza kif inghad supra.

6. Illi jidher ghalhekk ferm evidenti li t-Tribunal mexa' korrettement minn punto di vista ta' procedura u li fin-nuqqas ta' provi min-naha tal-konvenuta ma kienx hemm wisq x'tikkunsidra. Huwa minnu li quddiem il-qrati ordinarji l-htiega li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi deciza b'kap separat tohrog mil-ligi tal-process imma gia intqal supra li r-regoli li jithaddmu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma jaqblux f'kollox ma' dak li jsir fil-Qrati ordinarji peress li ta' l-ewwel huma regolati minn ligi

specjali, intizi inter alia biex kemm jista' jkun il-proceduri jigu kondotto b'mod celeri. Jekk il-konvenuta appellanti ma xehedetx dan gara tort taghha unikament u mkinflok ma din tillanja ingustament kontra t-Tribunal, jidher li aktar huwa kaz ta' ímputet sibi", in-nuqqas kien kollu tort taghha u ma kien hemm xejn skorrett min-naha tat-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuta appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mm